**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għajnuniet mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli**

(2007/C 141/06)

**XA Number:** XA 56/07

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Comunidad Autónoma de Andalucía

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Subvenciones destinadas a la mejora de la producción y de la calidad de los plantones de hortalizas y de las plantas de vivero, y se efectúa su convocatoria para 2007

**Bażi ġuridika:** "Proyecto de orden por la que se establecen las bases reguladoras para la concesión de subvenciones destinadas a la mejora de la producción y de la calidad de los plantones de hortalizas y de las plantas de vivero, y se efectúa su convocatoria para 2007"

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew l-ammont kumplessiv ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** 2 730 000 EUR

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

L-investimenti jew ix-xogħlijiet approvati jistgħu jkunu sussidjati sa perċentwal massimu ta' 35 % fil-każijiet ta' produtturi individwali (sew jekk ikunu persuni fiżiċi sew jekk persuni ġuridiċi), ta' gruppi ta' produtturi individwali (sew jekk ikunu persuni fiżiċi sew jekk persuni ġuridiċi, pubbliċi jew privati mingħajr personalità ġuridika), u ta' entitajiet konġunti, u sa perċentwal massimu ta' 40 % fil-każ ta' għaqdiet kummerċjali magħmulin minn produtturi (kooperattivi u gruppi agrikoli li jaħdmu fl-ipproċessar)

**Data ta' l-applikazzjoni:** Xahar wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament fil-*Boletín Oficial de la Comunidad Autónoma Andaluza*

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew ta' l-għajnuna individwali:** Sena waħda. Id-data prevista għall-aħħar pagament hija l-31 ta' Diċembru 2007

**Għan ta' l-għajnuna:** L-għan ta' dawn is-sussidji huwa li tittejjeb il-kwalità tal-produzzjoni tal-materjal għat-taħwil ta' ħxejjex u l-pjanti tal-mixtliet. Is-sussidji huma ddestinati għall-produtturi tal-pjanti tal-mixtliet u tal-materjal għat-taħwil ta' ħxejjex li jaqgħu fil-kategorija ta' "investimenti f'azjendi agrikoli", kif inhu stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

L-intestaturi eliġibbli għal sussidju inklużi fl-Artikolu 7 ta' l-abbozz ta' l-Ordni tal-Komunità Awtonoma huma fost dawk permessi skond l-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006, u huma dawn li ġejjin:

1. Biex tittejjeb il-kwalità u l-produzzjoni tal-pjanti tal-mixtliet, jistgħu jingħataw sussidji lil investimenti u xogħlijiet li jinkludu:

   a) Il-ksib u l-ittestjar ta' varjetajiet ġodda u kloni ta' speċi jew gruppi ta' speċi li għalihom ġew approvati regoli speċifiċi ta' ċertifikazzjoni, kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjanti omm kkatalogati talanqas bħala kategorija ċċertifikata ta' l-ispeċi jew tal-gruppi ta' speċi li għalihom ġew approvati regoli speċifiċi ta' ċertifikazzjoni.

   b) Laboratorju għall-analiżi marbuta mas-saħħa u mal-varjetajiet, kif ukoll it-twettiq ta' analiżi marbuta mas-saħħa u mal-varjetajiet sew mill-azjenda stess sew minn partijiet terzi.

   c) Istallazzjonijiet, kostruzzjonijiet u tagħmir għall-proċess tal-produzzjoni ta' pjanti tal-mixtliet, kif ukoll it-titjib ta' dawk li diġà jeżistu.

   d) Investimenti ddestinati għall-qrid u/jew għall-isfruttar ta' residwi li jniġġsu, kif ukoll għall-introduzzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni ta' programmi għall-iżgurar tal-kwalità, skond l-istandards ta' ISO 9000, u programmi ambjentali skond l-istandards ta' ISO 14000.

   e) Investimenti ddestinati għat-titjib tas-saħħa tal-pjanti fl-istallazzjonijiet u l-kostruzzjonijiet għall-produzzjoni ta' pjanti tal-mixtliet.

   f) L-awtomatizzazzjoni u l-kompjuterizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni.

2. Biex tittejjeb il-kwalità u l-produzzjoni tal-materjal għat-taħwil u għall-propagazzjoni ta' ħxejjex għajr żrieragħ, jistgħu jingħataw sussidji lil investimenti u xogħlijiet li jinkludu:

   a) Istallazzjonijiet u kostruzzjonijiet għall-proċess tal-produzzjoni ta' materjal għat-taħwil ta' ħxejjex, kif ukoll it-titjib ta' dawk li diġà jeżistu, u b'mod partikolari għaż-żrigħ, għall-ġerminazzjoni, għall-fertirrigazzjoni, għall-klimatizzazzjoni u għas-sorveljanza ta' l-ambjent.

   b) Investimenti ddestinati għat-titjib tas-saħħa tal-pjanti fl-istallazzjonijiet u l-kostruzzjonijiet għall-produzzjoni ta' materjal għat-taħwil ta' ħxejjex.

   c) Laboratorju għall-analiżi marbuta mas-saħħa u mal-varjetajiet, kif ukoll it-twettiq ta' analiżi marbuta mas-saħħa u mal-varjetajiet sew mill-azjenda stess sew minn partijiet terzi.

   d) Investimenti ddestinati għall-qrid u/jew għall-isfruttar ta' residwi li jniġġsu, kif ukoll għall-introduzzjoni u għaċ-ċertifikazzjoni ta' programmi għall-iżgurar tal-kwalità, skond l-istandards ta' ISO 9000, u programmi ambjentali skond l-istandards ta' ISO 14000.

   e) L-awtomatizzazzjoni u l-kompjuterizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni.

3. Biex jitheġġeġ l-użu tal-materjal għat-taħwil ta' ħxejjex u tal-pjanti tal-mixtliet ta' kategorija ċċertifikata, fejn l-attivitajiet isiru esklussivament minn għaqdiet ta' produtturi ta' materjal għat-taħwil ta' ħxejjex u ta' pjanti tal-mixtliet mingħajr skop ta' lukru, jistgħu jingħataw sussidji lil investimenti u xogħlijiet li jinkludu:

   a) It-tkattir tal-kuxjenza u r-riċerka dwar is-swieq tal-materjal għat-taħwil ta' ħxejjex u l-pjanti tal-mixtliet ta' kategorija ċċertifikata.

b) L-ittestjar ta' varjetajiet ġodda u ta' kloni ta' l-ispeċi jew il-gruppi ta' speċi li għalihom ikunu ġew approvati regoli speċifiċi ta' ċertifikazzjoni.

L-elementi li ġejjin mhumiex eliġibbli għal sussidji:

L-investimenti li ġejjin ma jikkwalifikawx għas-sussidji stabbiliti bl-Ordni:

a) Konnessjonijiet ta' vultaġġ għoli għat-twassil ta' l-elettriku

b) It-tħaffir ta' bjar jew l-ġbid ta' l-ilma minn bjar

c) Ġibjuni għar-regolazzjoni u għall-ħżin ta' l-ilma għas-saqi

d) Il-mogħdijiet li jagħtu aċċess għall-istallazzjonijiet

e) Il-bini ta' uffiċċji u l-għamara tagħhom, ħlief it-tagħmir informatiku (bħal kompjuters)

f) Makkinarju li jintuża komunement, u għodda in ġenerali

g) Taxxi jew tariffi, ikunux jistgħu jittieħdu lura jew le mill-benefiċjarju

h) Spejjeż finanzjarji mġarrba bħala konsegwenza ta' l-investiment

i) Investiment li jsir f'tagħmir użat.

j) Investiment li skond ir-Regolamenti tal-Komunità, ta' l-Istat jew tar-Reġjun Awtonomu mhuwiex eliġibbli għal sussidju.

L-abbozz ta' ordni huwa konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru

**Settur jew setturi benefiċjarji:** Il-produzzjoni ta' ħxejjex: il-produzzjoni ta' pjanti tal-mixtliet u ta' materjal għat-taħwil ta' ħxejjex

**Isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Consejería de agricultura y Pesca de la Junta de Andalucía
Tabladilla s/n
E-41071 Sevilla

**Indirizz ta' l-internet:** http://www.cap.junta-andalucia.es

**Tagħrif ieħor:** L-għan ta' dan l-Anness huwa li jiżgura l-konformità ma' l-Artikolu 3(2)(c) rigward it-tressiq ta' l-informazzjoni fil-qosor imsemmi fl-Artikolu 20(1)

Directora General de la Producción Agraria
Fdo.: Judit Anda Ugarte

---

**XA Number:** XA 57/07

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** —

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna:** Orden por la que se establecen las bases reguladoras y se aprueba la convocatoria de ayudas para reparar los daños causados en uva de mesa por las lluvias generalizadas durante el otoño de 2006 en la Comunidad Autónoma de la Región de Murcia

**Bażi ġuridika:** "Orden APA/…/2007, de … de abril, por la que se establecen las bases reguladoras y se aprueba la convocatoria de ayudas para reparar los daños causados en uva de mesa por las lluvias generalizadas durante el otoño de 2006 en la Comunidad Autónoma de la Región de Murcia"

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema:** 1 500 000 EUR (fis-sena 2007)

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** L-intensità massima ta' l-għajnuna ma għandhiex taqbeż it-80 % tat-telf irreġistrat bħala konsegwenza tal-fenomenu klimatiku negattiv. L-għajnuna se tiġi kkalkolata skond kull azjenda individwali.

Il-kalkolu ta' l-għajnuniet se jsir skond din il-formula:

$$\text{Għajnuna} = \text{Produzzjoni medja x prezz medju x ( \% ħsarat — 20 \%)}$$

Għall-kalkolu tal-ħsarat, titqies il-produzzjoni ta' ħsad tas-sena li fiha jkun sar il-fenomenu klimatiku negattiv, imqabbla mal-medja ta' l-aħħar tliet snin. Jiġifieri:

$$\text{\% ħsarat} = \frac{\text{Produzzjoni medja — Produzzjoni ta' ħsad}}{\text{Produzzjoni medja}} \text{ x 100}$$

Biex jiġi garantit li l-limitu massimu ta' l-għajnuna ma jaqbiżx it-80 % tat-telf, jiġi applikat tnaqqis assolut ta' 20 %.

Mill-ammont ta' l-għajnuna kkalkolat jitnaqqsu l-ispejjeż garantiti mill-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni li jikkorrispondu għal riskji oħrajn koperti mill-assigurazzjoni

**Data ta' l-implimentazzjoni:** L-għajnuniet jistgħu jingħataw minn meta jidħol fis-seħħ l-Ordni, matul perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur

**Għan ta' l-għajnuna:** L-għan ta' dawn l-għajnuniet huwa li jingħata kumpens lill-produtturi ta' l-għeneb ta' l-ikel tal-Komunità Awtonoma tar-Reġjun ta' Murcia, li ġarrbu telf sinifikanti fil-produzzjoni tagħhom minħabba x-xita qalila li niżlet f'Novembru 2006.

Fis-sena 2006, it-tisjir ta' l-għeneb ta' l-ikel iddewwem bħala konsegwenza tal-kundizzjonijiet klimatiċi li kien hemm fir-reġjun. Għaldaqstant, il-ħsad kellu jsir aktar tard milli fi snin tas-suq normali.

L-assigurazzjoni agrikola tipprovdi garanziji kontra r-riskju ta' xita sal-31 ta' Ottubru, id-data normali tal-ħsad. Madankollu, minħabba d-dewmien fit-tisjir ta' l-għeneb, saż-żmien li fih niżlet ix-xita (l-ewwel jiem ta' Novembru), il-ħsad kien għadu ma sarx għax l-għeneb kien għadu ma laħaqx il-livell ottimu ta' maturità fiżjoloġika.

Għaldaqstant, ix-xita qalila kkaġunat ħsarat sinifikanti għall-produzzjoni (okkorenza mifruxa ta' għeneb maqsum, proliferazzjoni tat-tħassir aċidu u ta' forom oħrajn ta' tħassir sekondarju, preżenza ta' *botrytis*), li mhumiex koperti mill-assigurazzjoni agrikola minħabba li saru meta kien diġà skada l-perjodu ta' garanziji. B'hekk, it-telf imġarrab ma setax ikun kopert mill-poloz ta' assigurazzjoni tal-produtturi.

Jeħtieġ għalhekk li tiġi stabbilita sensiela ta' għajnuniet maħsuba biex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat għall-produzzjoni kkaġunati mix-xita, produzzjoni li minkejja l-assigurazzjoni ma setgħet tkun issorveljata jew iggarantita bl-ebda mezz ieħor.

Dawn l-għajnuniet huma stabbiliti skond l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006, u jikkorrispondu għal "Għajnuna għal telf minħabba fenomeni klimatiċi negattivi", skond il-paragrafi (2) sa (6), (9) u (10)

**Settur benefiċjarju:** Dawn l-għajnuniet huma ddestinati għas-settur ta' l-għeneb ta' l-ikel fil-Komunità Awtonoma tar-Reġjun ta' Murcia

**L-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Entidad Estatal de Seguros Agrarios (ENESA),
Ministerio de Agricultura, Pesca y Alimentación
Miguel Ángel, 23 — 5ª planta
E-28010 Madrid

**Indirizz elettroniku:** enesa@mapya.es

**Tagħrif ieħor:** —

Madrid, abril de 2007
El Director
Fdo.: Fernando J. Burgaz Moreno

---

**XA Number:** XA 58/07

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Andalucía

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna:** Subvenciones a las explotaciones del olivar gravemente afectadas por las heladas en los meses de enero, febrero y marzo de 2005, en el marco del Plan especial para la capacidad reproductiva del olivar

**Bażi ġuridika:** "Orden que modifica la Orden de 20 de noviembre de 2006, por la que se establecen las bases reguladoras para la concesión de subvenciones a las explotaciones del olivar gravemente afectadas por las heladas en los meses de enero, febrero y marzo de 2005, en el marco del Plan especial para la recuperación de la capacidad productiva del olivar, y se efectúa su convocatoria."

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema:**

Pjan ta' għajnuniet għal 3 snin, b'baġit ta':

| Sena | Total stmat għall-Pjan ta' Għajnuniet (EUR) |
|---|---|
| 2007 | 32 434 191 |
| 2008 | 22 377 659 |
| 2009 | 13 922 346 |
| TOTAL | 68 734 196 |

Dan il-baġit huwa ffinanzjat fil-50 % tiegħu mill-Amministrazzjoni tal-Gvern ta' l-Andalusija u l-50 % li fadal mill-Amministrazzjoni tal-Gvern ċentrali

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

Skond l-Artikolu 6.4 ta' l-Ordni, l-ammont ta' l-għajnuna, inkluż meta din l-għajnuna hija akkumulata ma' għajnuniet pubbliċi oħrajn, ma għandha, fl-ebda ċirkostanza, taqbeż il-perċentwal stabbilit mill-Artikolu 11(2) tar-Regolament ta' Eżenzjoni 1857/2006. (80 %).

L-ammont annwali ta' l-għajnuniet kompensatorji jvarja skond ix-xogħol li jkun sar u jiġi kkalkolat skond din it-tabella:

| Xogħlijiet | 2007 (EUR/ettaru) | 2008 (EUR/ettaru) | 2009 (EUR/ettaru) |
|---|---|---|---|
| Żabra intensa | 2 250 | | |
| Żabra radikali | 2 363 | 2 137 | |
| Żabra minn fuq | 2 480 | 2 356 | 1 914 |
| Żabra minn taħt | 3 029 | 2 992 | 2 979 |
| Tħawwil mill-ġdid | 700 | 675 | 625 |

Fl-ebda każ, l-għajnuna ma tista' taqbeż l-intensità ta' 80 % tat-telf ta' dħul mill-bejgħ tal-prodott minħabba l-fenomenu ta' ġlati u f'dak il-limitu ma tista' lanqas taqbeż 63 000 EUR f'miżuri ta' riġenerazzjoni, b'massimu ta' seba' ettari u 6 000 EUR f'miżuri ta' tħawwil mill-ġdid, b'massimu ta' tliet ettari

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Din l-Ordni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Boletín Oficial de la Junta de Andalucía*. Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament 1857/2006, l-Ordni għandha tiġi ppubblikata għaxart ijiem wara li jitressaq dan l-Anness lill-Kummissjoni.

Dawn l-għajnuniet jikkonformaw mar-rekwiżit ta' l-Artikolu 11 (10) tar-Regolament ta' Eżenzjoni billi qed jiġu introdotti f'terminu ta' żmien iqsar minn tliet snin minn meta saret in-nefqa jew it-telfa

**Tul ta' żmien ta' l-iskema:** Din l-iskema se ddum għal tliet snin u għalhekk tkopri s-snin finanzjarji 2007, 2008 u 2009. Dawn l-għajnuniet jikkonformaw ukoll mar-rekwiżit ta' l-Artikolu 11(10) tar-Regolament ta' Eżenzjoni billi qed jitħallsu f'terminu ta' żmien iqsar minn erba' snin minn meta saret in-nefqa jew it-telfa

**Għan ta' l-għajnuna:** Għajnuniet għall-SMEs minħabba l-effetti ta' fenomenu klimatiku negattiv: Ġlati fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu ta' l-2005.

L-għajnuna tingħata biex tagħmel tajjeb għal parti mit-telf ta' dħul imġarrab mill-azjendi taż-żebbuġ milquta mill-ġlati bħala konsegwenza ta' dawn ix-xogħlijiet:

— Żabra intensa: tfisser xogħol fis-siġar taż-żebbuġ bħala konsegwenza tal-ħsarat li ġejjin mill-ġlati li jinvolvi ż-żbir ta' fergħat terzjarji u talanqas fergħa sekondarja waħda.

— Żabra radikali: xogħol fis-siġar taż-żebbuġ bħala konsegwenza tal-ħsarat li ġejjin mill-ġlati li jinvolvi ż-żbir ta' għadd ta' fergħat sekondarji u xi fergħat primarji.

— Żabra minn fuq: xogħol fis-siġar taż-żebbuġ bħala konsegwenza tal-ħsarat li ġejjin mill-ġlati li jinvolvi ż-żbir tat-totalità tal-friegħi primarji.

— Żabra minn taħt: xogħol fis-siġar taż-żebbuġ bħala konsegwenza tal-ħsarat li ġejjin mill-ġlati li jinvolvi l-qtugħ taz-zokk jew zkuk tas-siġra taż-żebbuġ f'għoli inqas minn 40 ċentimetru mill-art.

— Tħawwil mill-ġdid: xogħol fis-siġar taż-żebbuġ bħala konsegwenza tal-ħsarat li ġejjin mill-ġlati li jinvolvi l-qlugħ mill-għeruq tas-siġra taż-żebbuġ mejta u t-tħawwil ta' nebbieta ġodda. L-ispiża tan-nebbieta ġodda mħawla jew li jridu jitħawlu mhijiex koperta

**Settur(i) konċernat(i):** Is-settur primarju tat-tkabbir taż-żebbuġ (azjendi involuti fit-tkabbir taż-żebbuġ)

**Isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Consejería de Agricultura y Pesca
Avda. Tabladilla s/n
E-41013 Sevilla

**Indirizz web:** http://www.juntadeandalucia.es/agriculturaypesca/portal/opencms/portal/portada.jsp

**Tagħrif ieħor:** Skond l-Artikolu 11(7) tar-Regolament ta' Eżenzjoni, il-ġlati li saru fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu ta' l-2007 ġew rikonoxxuti uffiċjalment bħala fenomenu klimatiku negattiv li jixbhu diżastru naturali bid-Digriet-liġi Rjali 1/2005 ta' l-4 ta' Frar, li jadotta miżuri urġenti biex itaffi l-ħsarat li saru lis-settur agrikolu minħabba l-ġlati li saru fix-xhur ta' Jannar ta' l-2005.

Fil-memorandum ta' spjegazzjoni, l-imsemmi Digriet Rjali jiddikjara espliċitament li *"Il-kobor tal-ħsarat ikkawżati jikkostitwixxi sitwazzjoni li tixbah lil dik ta' diżastru naturali f'termini stabbiliti mil-linji gwida Komunitarji għall-għajnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu u titlob l-adozzjoni immedjata mill-awtoritajiet pubbliċi ta' miżuri ta' taffija biex jiggarantixxu l-istabbiliment gradwali mill-ġdid tan-normalità ekonomika fiż-żoni milquta"*.

Sussegwentment, id-Digriet-liġi Rjali 6/2005 tat-8 ta' April li jimplimenta d-Digriet-liġi Rjali 1/2005, jiddikjara li *"Id-Digriet-liġi Rjali 1/2005 ta' l-4 ta' Frar li jadotta miżuri urġenti biex itaffi l-ħsarat li saru lis-settur agrikolu minħabba l-ġlati li seħħu fix-xhur ta' Jannar ta' l-2005, għandu japplika wkoll għall-ħsarat li saru minħabba l-ġlati li seħħu matul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu ta' l-2005"*.

La Secretaria General de Agricultura, Ganadería y Desarrollo rural
Teresa Sáez Carrascosa

---

**Numru XA:** XA 59/07

**Stat Membru:** L-Awstrija

**Reġjun:** Niederösterreich

**It-titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew l-isem tal-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Richtlinie für die Förderung der Qualitätsverbesserung der Niederösterreichischen Rinderzucht — „NÖ — Genetik Programm"

**Bażi legali:** NÖ Landwirtschaftsgesetz

**Nefqa annwali prevista skond l-iskema jew ammont totali ta' għajnuna individwalment mogħtija lill-ażjenda:** Sa 600 000 EUR kull sena

**L-akbar ammont ta' għajnuna:** 80 % tan-nefqa

**Data ta' implimentazzjoni:** Mejju 2007

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew għotja ta' għajnuna individwali:** Sa Diċembru 2013

**Għan ta' l-għajnuna:** Il-linji gwida jkopru appoġġ lill-assoċjazzjonijiet involuti fit-tnissil tal-bovini ta' l-Awstrija t'isfel firrigward ta' l-ispejjeż li jirriżultaw miż-żamma u l-aġġornament kontinwu tal-kotba tal-merħliet u fir-rigward tal-pariri lill-ażjendibiex iżommu l-kotba tal-merħliet dwar il-ġestjoni tat-tħaddim u tal-kwalità. Huwa wkoll disponibbli appoġġbiex jiġu organizzati u jsiru fieri kummerċjali u mostri ta' bovini tat-tnissil ta' kwalità għolja.

Il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 15 (l-għoti ta' appoġġ tekniku lis-settur ta' l-agrikoltura) u l-Artikolu 16 (l-appoġġ lis-settur tat-trobbija ta' l-annimali)

**Is-settur(i) ikkonċernat(i):** It-tnissil tal-bovini

**L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Amt der Niederösterreichischen Landesregierung
Abteilung Landwirtschaftsförderung LF3
Landhausplatz 1
A-3109 St. Pölten

**Indirizz virtwali:** http://www.noe.gv.at/

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Numru XA:** XA 63/07

**Stat Membru::** Il-Latvja

**Reġjun:** —

**Titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li għaliha hija indirizzata l-għajnuna individwali:** Atbalsta shēma "Atbalsts apdrošināšanas prēmiju daļējai segšanai"

**Bażi ġuridika:** Ministru kabineta 2007. gada 23. janvāra noteikumi Nr. 78 "Noteikumi par valsts atbalstu lauksaimniecībai 2007. gadā un tā piešķiršanas kārtību" 10. pielikuma I. atbalsta programma

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont kumplessiv ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** Ammont totali taħt l-iskema ta' għajnuna ta' l-2007: 200 000 LVL

**Intensità massima ta' għajnuna::** L-għajnuna tingħata bir-rata ta' 50 % tan-nefqa tal-kuntratti konklużi mill-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni u ta' dawk li għandhom polza ta' assigurazzjoni, iżda li ma jaqbżux il-25 LVL kull unità (ettaru jew unità tal-bhejjem), li ma jaqbżux il-50 LVL għall-patata u għall-ħaxix, u li ma jzqbżux il-150 LVL għas-siġar tal-frott u tax-xitel li jagħmlu frott żgħir

**Data ta' l-implimentazzjoni:** 1 ta' April 2007

**It-tul ta' żmien ta' l-iskema jew l-għotja individwali ta' l-għajnuna:** Sat-30 ta' Diċembru 2007

**L-għan ta' l-għajnuna:** L-għan ta' l-għajnuna hi li jitnaqqas ir-riskju ta' produzzjoni fil-produzzjoni tal-pjanti u tal-bhejjem billi jiġu kkumpensati l-ispejjeż għall-polza ta' assigurazzjoni.

Il-miżura hija konformi ma' l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006

**Is-settur(i) konċernat(i):** L-għajnuna hija intiża għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fl-agrikoltura. L-għajnuna hija intiża għas-setturi tal-bhejjem u tal-produzzjoni tal-pjanti

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Latvijas Republikas Zemkopības ministrija
LV-1981 Rīga

**Indirizz virtwali:** www.zm.gov.lv

**Tagħrif ieħor:** —